

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL 2013/393/PESK**tat-22 ta' Lulju 2013****li temenda d-Deċiżjoni 2013/382/PESK li testendi l-mandat tar- Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea għall-Afganistan**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 28, 31(2) u 33 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-22 ta' Marzu 2010, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2010/168/PESK ⁽¹⁾ li taħtar lis-Sur Vygaudas UŠACKAS bħala r-Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea (RSUE) fl- Afganistan.
- (2) Fil-15 ta' Lulju 2013, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni 2013/382/PESK ⁽²⁾ li testendi l-mandat tar-RSUE sat-30 ta' Ġunju 2014.
- (3) Għandu jinħatar RSUE ġdid fl-Afganistan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.
- (4) Id-Deċiżjoni 2013/382/PESK għandha tiġi emendata skont dan.
- (5) Ir-RSUE ser jimplimenta l-mandat tiegħu fil-kuntest ta' sitwazzjoni li tista' tiddeterjora u li tista' xxekkel il-kisba tal-objettivi tal-azzjoni esterna tal-Unjoni kif jinsabu fl-Artikolu 21 tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2013/382/PESK huwa sostitwit b'dan li ġej:

*"Artikolu 1***Rappreżentant Speċjali tal-Unjoni Ewropea**

1. Il-mandat tas-Sur Vygaudas UŠACKAS bħala r-RSUE fl-Afganistan huwa b'dan estiż sal- 31 ta' Awwissu 2013.
2. Is-Sur Franz-Michael SKJOLD MELLBIN huwa b'dan maħtur bħala r-RSUE fl-Afganistan għall-perijodu mill-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Ġunju 2014.
3. Il-mandat tar-RSUE jista' jintemm qabel, jekk il-Kunsill jiddeċiedi hekk, fuq proposta tar-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà (RGħ)."

*Artikolu 2***Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-22 ta' Lulju 2013.

*Għall-Kunsill**Il-President*

C. ASHTON

⁽¹⁾ ĠU L 75, 23.3.2010, p. 22.

⁽²⁾ ĠU L 193, 16.7.2013, p. 22.